MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Numru 17/2008

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Alan Gatt, iben Albert, imwieled Pieta' fis-26 ta' april, 1976
u
Kevin Camilleri, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-5 ta' awissu, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-6 ta' jannar, 2008 fit-2.45 p.m. minn ġewwa Triq Pace, Sliema ikkomettew serq minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBO 235, tal-għamla Opel Corsa, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Maria Fiorentino min-Naxxar;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, u

cioe' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBO 235, tal-għamla Opel Corsa għad-dannu ta' Maria Fiorentino min-Naxxar liema ħsara teċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.37.
Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma l-imputati bħala reċidivi skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstabu ħatja b'sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenżi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' ġunju, 2008 fejn Maria Fiorentino irċeviet mingħand l-imputati s-somma ta' €138 danni u iddikjarat li ma għandhiex aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli49, 50, 261(g), 271(g), 281(a) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas multa ta' seba' mitt euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------